

Sib traduttur legali jew interpretu - Slovakkja



Il-verzjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna. Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [sk](#) diġà ġew tradotti.

Din il-paġna tagħtik deskrizzjoni ġenerali u fil-qosor tal-bażijiet tad-dejta tat-tradutturi u tal-interpreti Slovakkji.

X'toffri l-bażi tad-dejta Slovakkja tat-tradutturi?

Il-bażi tad-dejta Slovakkja tat-tradutturi tipprovdi informazzjoni dwar madwar 824 tradutturi tal-qorti u 901 interpreti tal-qorti; l-informazzjoni hija disponibbli biss bl-Islovakk. [Il-bażi tad-dejta tat-tradutturi](#) hija l-propjeta ta' [Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakkja](#).

L-aċċess għall-bażi tad-dejta tat-tradutturi tas-Slovakkja huwa mingħajr ħlas?

Il-bażi tad-dejta tipprovdi aċċess għall-informazzjoni **mingħajr ħlas** u rkupru ta' informazzjoni dwar tradutturi u interpreti tal-qorti.

Kif issib traduttur tal-qorti fl-Islovakkja?

L-informazzjoni dwar it-tradutturi tal-qorti tinstab fis-sezzjoni Reġistri tas-sit elettroniku tal- [Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakkja](#).

Ħoloq relatati

[Ministeru tal-Ġustizzja](#)

[JASPI – bażi tad-dejta ġuridika](#)

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 18/03/2019